MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 988/2005

**Globalair Travel Limited**

**Vs**

**Brian Degiorgio**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih is-socjeta' attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' mija u hamsa u disghin lira Maltin u sittin centezmu (Lm195.60c) u dan billi fid-29 t'Awissu, 2003 Brian Degiorgio kien ipprenota hames biljetti ta' l-ajru lejn Cipru kif ukoll akkomodazzjoni gewwa lukanda Pavlo Nara ghall-granet mit-3 ta' Settembru, 2003 sal-11 ta' Settembru, 2003. Illi

l-valur tal-prenotazzjoni fuq imsemmija kienet ta' elf hames mija u sitta u sebghin lira Maltin u hames centezmi (Lm1,576.05c). Illi s-socjeta' attrici pprenotat ghan-nom ta' Brian Degiorgio s-servizzi rikjesti minnu mas-socjeta' Trina Tours. Illi sussegwentement Brian Degiorgio kkancella l-prenotazzjoni tieghu. Illi ghalhekk is-socjeta' attrici kkancellat il-prenotazzjoni ma' Trina Tours f'isem Brian Degiorgio. Illi s-socjeta' attrici sofriet *cancellation fee* ta' mija u hamsa u disghin lira Maltin u sittin centezmu (Lm195.60c). Illi s-socjeta' attrici nterpellat lill-konvenut fit-12 ta' Frar, 2004, izda l-konvenut ma hallasx.

Ra li l-konvenut debitament notifikat ma pprezenta l-ebda Risposta.

Sema' x-xhieda ta' Carmel Debono li huwa l-*accountant* tas-socjeta' attrici li kkonferma li l-ammont mitlub huwa dovut.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti partikolarment mix-xhieda ta' Carmel Debono u mid-dokumenti esebiti, t-talba attrici tirrizulta ampjament ippruvata. Illi l-konvenut ma ressaq l-ebda eccezzjoni jew b'xi mod ikkontesta l-kawza. Illi ghalhekk it-talba attrici kif dedotta jisthoqq li tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u hamsa u disghin lira Maltin u sittin centezmu (Lm195.60c) bl-ispejjez u bl-interessi mid-data tan-notifika ta' l-Avviz kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------